MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-21 ta' Ġunju, 2018

Rikors Maħluf Numru 706/15 LM

**Rose Celik (detentriċi tal-karta tal-identità numru 461659M) u żewġha Murteza Celik kif ukoll Dennis Celik (karta tal-identità numru 30986M)**

***vs.***

**Keith Caruana (detentur tal-karta tal-identità numru 165492M), Middlesea Insurance plc (Reġistrazzjoni Numru C 5553) u b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2018 dan ġie korrett għal Mapfre Middlesea plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-22 ta' Lulju, 2015 mill-atturi **Rose Celik** u **żewġha Murteza Celik,** kif ukoll **Dennis Celik** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Rose Celik, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fid-9 ta' Ġunju, 2013, Abraham Celik, iben ir-rikorrenti, kien riekeb flimkien ma' ħbieb oħrajn fil-vettura misjuqa mill-intimat Keith Caruana fi Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, meta l-istess intimat tilef il-kontroll tal-vettura tal-għamla Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni KTH 392 misjuqa minnu u baqa' dieħel ġo siġra fl-istess triq;*

2. *Illi l-inċident tat-traffiku seħħ unikament tort tal-imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku mill-intimat meta dan kien qiegħed isuq l-istess vettura b'veloċità li kienet teċċedi l-limitu permess u mingħajr id-dovuti prekawzjonijiet;*

3. *Illi b'riżultat ta' dan l-inċident, iben ir-rikorrenti l-imsemmi Abraham Celik tilef ħajtu;*

4. *Illi minkejja l-fatt li l-intimati ġew interpellati għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimati baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li ġġib is-surriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jgħidu l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti –*

1. *Tiddikjara l-intimati, jew min minnhom, responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fid-9 ta' Ġunju, 2013 fi Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, li fih safa vittma iben ir-rikorrenti, passiġġier fil-vettura tal-għamla Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni KTH 392 misjuqa mill-istess intimat, b'riżultat ta' liema tilef ħajtu;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti b'riżultat tal-inċident ilmentat u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ; u*

3. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u bl-ispejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 988/2015 ippreżentata preċedentement kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Mapfre Middlesea plc** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Awwissu, 2015, u maħlufa minn Patrick Muscat (K.I. numru 266967M), bħala rappreżentant tal-istess soċjetà konvenuta, li biha eċċepiet:

1. *Illi fil-mument tal-inċident mertu tal-kawża odjerna ma kienx hemm kopertura valida fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KTH 392, li kienet qed tiġi misjuqa mill-intimat l-ieħor Keith Caruana, minħabba ksur tal-polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-istess vettura KTH 392, u dan hekk kif ser jiġi ttrattat u pruvat waqt il-kawża odjerna;*

*2. Illi s-soċjetà Mapfre Middlesea plc qed tirriserva minn issa d-drittijiet tagħha kontra l-istess intimat Keith Caruana fl-eventwalità illi tiġi kkundannata sabiex tħallas id-danni lir-rikorrenti;*

*3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-defunt ħa riskju meta tela' bħala passiġġier fil-vettura misjuqa mill-intimat Keith Caruana, li skont il-proċess verbal kien qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol, u per konsegwenza japplika l-prinċipju ta' 'volenti non fit iniuria', u għaldaqstant id-defunt kellu tort totali jew parzjali għall-akkadut;*

*4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti iridu jagħmlu l-aħjar prova tad-danni allegatament sofferti minnhom.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Keith Caruana** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fl-1 ta' Settembru, 2015, u maħlufa minn Keith Caruana stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*
2. *Illi t-triq li fiha kien qed isuq l-esponent kellha fiha tappieri li jesporġu 'l fuq minn wiċċ it-triq; hemm ukoll diżlivelli li kkawżaw u, jew ikkontribwew għall-inċident fatali li għalhekk ma kienx tort, jew unikament tort, tal-esponent. Dok. A huma ritratti tal-art fit-Triq fejn ġara l-inċident. Inoltre t-triq kienet ukoll imxarrba bin-nida. Qed jiġi anness il-Met Office Report ta' dakinhar li qed jiġi markat bħala Dok. B. Intant qed jiġi rilevat li l-veloċità massima li tista' tlaħħaq il-vettura li kien qed isuq il-konvenut (VW Polo) ma teċċedix il-165 kilometru fis-siegħa – ara Dok C li huwa brochure tal-istess vettura – ara paġna 30 għall-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura – Dok D huwa l-log book tal-vettura li jikkonferma t-tip ta' vettura li kien qed isuq l-eċċipjent.*
3. *Illi mhuwiex minnu dak li qed jinsinwaw b'malizzja l-konvenuti l-oħra u ċioe li l-eċċipjent kien qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol; u dan hu ppruvat xjentifikament mill-inkjesta magħmula immedjatament wara l-inċident;*
4. *Illi fil-fatt lanqas l-istess atturi ma huma qed jgħidu jew jinsinwaw li l-eċċipjent kien taħt l-influwenza tax-xorb meta ġara l-inċident. Fil-fatt Dok. RC2 ppreżentat mill-atturi – li hu r-'road accident report' jindika li għal dak li jirrigwarda 'Alcohol test reading' it-test irriżulta 'negative' tant li l-livell misjub kien ta' 17g/100 ml. Dan it-test sar Mater Dei minn PS 1268 Ivan Caruana eżatt wara l-inċident. Dok. E hu t-test xjentifiku tal-breathalyser;*

5. *Illi l-eċċipjent kien legalment kopert b'polza ta' assigurazzjoni u jiċħad bil-qawwa dak allegat mill-konvenuti l-oħra li hu b'xi mod kiser il-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni. Tant illi meta hu irċieva ittra mingħand il-legali tal-vittma, id-ditta assikuratriċi ħadet dik l-ittra sabiex tweġibha hi;*
6. *Illi l-eċċipjent għadda l-ittra uffiċjali li rċieva u li kopja tagħha hija mehmuża mar-rikors ġuramentat (Dok. RC 1), lid-ditta assikuratriċi tiegħu fuq talba tagħha sabiex din tweġibha. Minflok ma wieġbet din l-ittra, id-ditta assikuratriċi qed tipprova taħrab mill-obbligi kontrattwali tagħha li joħorġu mill-polza. Dok F hu protest ġudizzjarju li l-eċċipjent ippreżenta kontra l-konvenuti l-oħra.*
7. *Illi l-esponent qiegħed ukoll jikkontesta l-quantum tad-danni li sa issa, permezz tad-dokumenti ppreżentati, l-atturi qed jindikaw li ser jitolbu sabiex jiġu kwantifikati.*

Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut Keith Caruana:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*
2. *Illi t-triq li fiha kien qed isuq l-esponent kellha fiha tappieri li jesporġu 'l fuq minn wiċċ it-triq; kien hemm ukoll diżlivelli li kkawżaw u, jew ikkontribwew għall-inċident fatali li għalhekk ma kienx tort, jew unikament tort, tal-esponent. Dok A huma ritratti tal-art fit-Triq fejn ġara l-inċident. Inoltre t-triq kienet ukoll imxarrba bin-nida. Qed jiġi anness il-Met Office Report ta' dakinhar li qed jiġi markat Dok B. Intant qed jiġi rilevat li l-veloċità massima li tista' tlaħħaq il-vettura li kien qed isuq il-konvenut (VW Polo) ma jeċċedix il-165 kilometru fis-siegħa – ara Dok C li huwa brochure tal-istess vettura – ara paġna 30 għall-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura – Dok D huwa l-log book tal-vettura li jikkonferma t-tip ta' vettura li kien qed isuq l-eċċipjent;*
3. *Illi mhuwiex minnu dak li qed jinsinwaw b'malizzja l-konvenuti l-oħra u ċioe li l-eċċipjent kien qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol; u dan hu pruvat xjentifikament mill-inkjesta magħmula immedjatament wara l-inċident;*
4. *Illi fil-fatt lanqas l-istess atturi ma huma qed jgħidu jew jinsinwaw li l-eċċipjent kien taħt l-influwenza tax-xorb meta ġara l-inċident. Fil-fatt Dok RC 2 ppreżentat mill-atturi – li hu r-'road accident report' jindika li għal dak li jirrigwarda 'Alcohol test reading' it-test irriżulta 'negative' tant li l-livell misjub kien ta' 17g/100 ml. Dan it-test sar Mater Dei minn PS 1268 Ivan Caruana eżatt wara l-inċident. Dok E hu test xjentifiku tal-breathalyser;*
5. *Illi l-eċċipjent kien legalment kopert b'polza ta' assikurazzjoni u jiċħad bil-qawwa dak allegat mill-konvenuti l-oħra li hu b'xi mod kiser il-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni. Tant illi meta hu rċieva ittra mingħand il-legali tal-vittma, id-ditta assikuratriċi ħadet dik l-ittra sabiex tweġibha hi;*

6. *Illi l-eċċipjent għadda l-ittra uffiċjali li rċieva u li kopja tagħha hi mehmuża mar-rikors ġuramentat (Dok. RC 1), lid-ditta assikuratriċi tiegħu fuq talba tagħha sabiex din tweġibha. Minflok ma wieġbet din l-ittra, id-ditta assikuratriċi ppruvat taħrab mill-obbligi kontrattwali tagħha li joħorġu mill-polza. Dok F hu protest ġudizzjarju li l-eċċipjent ippreżenta kontra l-konvenuti l-oħra.*
7. *Illi l-esponent qiegħed ukoll jikkontesta l-quantum tad-danni li sa issa, permezz tad-dokumenti ppreżentati, l-atturi qed jindikaw li ser jitolbu sabiex jiġu kwantifikati.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' April, 2018, fejn il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza. Rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kawża odjerna essenzjalment hi azzjoni għal-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' danni, li nbdiet mill-ġenituri u minn ħu l-vittma ta' inċident tat-traffiku, Abraham Celik, li tilef ħajtu f'vettura misjuqa mill-konvenut Keith Caruana, wara li kemm Celik kif ukoll Caruana kienu qattgħu lejl f'Paceville flimkien ma' xi ħbieb tagħhom. L-atturi qegħdin jallegaw li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba f'imprudenza, negliġenza, u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, li saq vettura b'veloċità eċċessiva meta allegatament kien taħt l-influwenza tal-alkoħol, bir-riżultat li l-vettura misjuqa minnu ħabtet ma' siġra, u ġarrbet ħsarat konsiderevoli. F'dan

l-inċident, tilef ħajtu Abraham Celik, żagħżugħ li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, kien għadu lanqas għalaq dsatax-il sena. L-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut Keith Caruana huwa responsabbli għall-inċident li fih tilef ħajtu t-tifel tagħhom, kif ukoll sabiex tillikwida d-danni sofferti minnhom, filwaqt li tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.

Is-soċjetà konvenuta Mapfre Middlesea Insurance plc, li magħha kien assigurat il-konvenut Keith Caruana fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, wieġbet li fil-mument li fih seħħ l-inċident, il-konvenut ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni valida u dan minħabba li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza, fosthom li l-assigurat kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol. Is-soċjetà assiguratriċi eċċepiet li hi kienet qiegħda tirriserva li tipproċedi kontra l-assigurat tagħha fi stadju ulterjuri minħabba f'dawn l-allegati nuqqasijiet da parti tiegħu. Is-soċjetà assiguratriċi allegat ukoll li d-defunt Abraham Celik kellu tort parzjali għall-akkadut, minħabba li ma missux tela' fil-vettura misjuqa minn Keith Caruana meta kien jaf li dan kien xorob. Eċċepiet ukoll li għandha tinġieb l-aħjar prova tad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti.

Il-konvenut Keith Caruana min-naħa tiegħu wieġeb li hu ma kellu l-ebda tort għall-akkadut, u li l-inċident fatali kien ikkawżat minn numru ta' fatturi li hu ma kellu l-ebda kontroll fuqhom, u qal li fit-triq hemm numru ta' tappieri li jesporġu 'l fuq mil-livell tat-triq, u li dakinhar tal-inċident kien hemm ħafna nida fl-inħawi. Il-konvenut eċċepixxa li hu ma kienx taħt l-influwenza tal-alkoħol dakinhar tal-inċident, u dan kollu ġie stabbilit mit-test tal-*breathalyser* li sarlu fl-Isptar ftit sigħat wara li seħħ l-inċident, u li indika li hu kellu livell ta' alkoħol fid-demm li hu ferm aktar baxx minn dak meqjus bħala 'normali'. Konsegwenza ta' dan, hu eċċepixxa li ma kien hemm l-ebda ksur tal-obbligi kontrattwali naxxenti mill-kuntratt mas-soċjetà assiguratriċi.

## **Provi u riżultanzi**

Din il-Qorti semgħet numru ta' xhieda prodotti mill-partijiet fil-kawża, kif ukoll ikkunsidrat id-diversi *affidavits* u dokumenti li tressqu f'dawn il-proċeduri sabiex setgħet tagħmel l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti kif ġraw. Mill-provi rriżulta li Abraham Celik, żagħżugħ ta' ftit aktar minn tmintax-il sena, kien għadu kemm għamel eżami sabiex jirrekluta fil-Forzi Armati ta' Malta, u li l-familjari tiegħu kienu ġew infurmati permezz ta' ittra tal-11 ta' Lulju, 2013[1], li binhom kien għadda mill-eżami għar-reklutaġġ bħala suldat fil-Forzi Armati ta' Malta.

Ġiet esebita wkoll kopja tal-*process verbal* fl-atti tal-inkjesta dwar l-inċident inkwistjoni, minn fejn jirriżultaw id-dettalji kollha ta' dan l-inċident, li seħħ fis-sigħat bikrin tal-Ħadd 9 ta' Ġunju, 2013, fi Triq il-Wied tal-Imsida, limiti ta' Birkirkara. Pulizija li marru fuq il-post segħtu jikkonstataw li l-impatt tal-vettura misjuqa minn Keith Caruana ma kienx wieħed żgħir, u li kemm ix-xufier kif ukoll il-passiġġiera li kienet riekba fuq quddiem kienu feruti, filwaqt li mill-ewwel indizji rriżulta li l-passiġġier li kien riekeb fuq wara tal-vettura kien tilef ħajtu. Ġie osservat ukoll li dan il-passiġġier kien għadu liebes is-*seatbelt* fil-ħin li fih waslu fuq il-post il-Pulizija. Il-vettura ġarrbet ħsarat estensivi tant illi minn dak li setgħu josservaw il-Pulizija li waslu fuq il-post, tlieta mir-roti nqalgħu bid-daqqa u diversi partijiet mill-vettura ġew innutati mxerrda mat-triq għal distanza twila.

Omm il-vittma, ir-rikorrenti, **Rose Celik,** għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[2], u din spjegat kif Abraham kien tifel li rċieva l-edukazzjoni tiegħu sal-livell sekondarju, u minkejja li kien beda kors fl-MCAST, hu kien wera ġibda lejn l-

[1] Esebita *a. fol.* 14 tal-proċess.
[2] *A fol.* 83 tal-proċess.

uniformi ftit taż-żmien wara, tant li tħajjar japplika sabiex isir membru tal-Forzi Armati ta' Malta.

Hi ddeskriviet kif dakinhar tal-inċident, binha kien mar jagħmel ix-xogħol *part-time* ġewwa l-Pizza Hut tal-Belt, u wara kien mar jiltaqa' ma' sħabu Paceville. Hi spjegat kif matul il-lejl, ħabbat il-bieb tad-dar tagħha u sabet tliet uffiċjali tal-Pulizija li infurmawha li binha kien involut f'inċident fatali tat-traffiku. Dakinhar tal-inċident binha kien għadu lanqas għalaq dsatax-il sena, u ftit tal-ġranet wara li seħħ dan l-inċident, hi kienet ġiet mgħarrfa li binha kien għadda mill-eżamijiet sabiex jidħol bħala rekluta fl-Armata ta' Malta. Omm il-vittma xehdet li minkejja li qabel ġara dan kollu hi diġà kienet qiegħda tieħu kura għall-kundizzjoni tad-*'depression'*, wara l-mewt ta' binha kellha żżid fid-doża ta' kura u mediċini li bdiet tieħu, u kellha tiġi eżaminata minn bord li ddeċieda li hi ma setgħetx tidħol lura fid-dinja tax-xogħol.

Ħu l-vittma, **Dennis Celik**, ukoll xehed bil-mezz tal-*affidavit*[3], u ddeskriva dak li kien ġara sbieħ il-Ħadd 9 ta' Ġunju, 2013, meta l-familja tagħhom ġiet mgħarrfa bil-mewt tal-iżgħar wild tagħha. Kienet ommu li infurmatu li ħuh kien miet, u li minkejja li dak il-ħin hu xtaq imur jara fejn seħħ l-inċident ta' ħuh, il-Pulizija li kienu marru d-dar tagħhom ituhom l-aħbar, qalulu li aħjar jibqa' d-dar jieħu ħsieb ommu u martu.

Ix-xhud irrakkonta kif flimkien ma' membri oħrajn tal-familja hu kien mar l-Isptar sabiex jiddentifika l-katavru ta' ħuh, u li wara mar fuq is-sit tal-inċident sabiex jara b'għajnejh fejn kien seħħ l-inċident:

> "Stajt nara s-siġra illi kienet ħabtet il-karozza magħha kif ukoll irqajja' ta' demm mal-art li kien mgħotti bir-ramel apparti l-bankina, li kienet maqlugħa minn postha."

---

3 *A fol.* 87 tal-proċess.

It-tfajla tal-vittma, **Shakyra Scerri,** li wkoll kienet passiġġiera fil-vettura mal-għarus tagħha u mal-konvenut, ukoll ippreżentat *affidavit*[4] bix-xhieda tagħha. Hija spjegat kif hi flimkien ma' erbat iħbieb oħra, fosthom il-vittma u l-konvenut, kienu marru Paceville għal lejl ta' divertiment, u lura lejn id-dar ilkoll rikbu fil-vettura misjuqa mill-konvenut Keith Caruana. Ix-xhud spjegat li hi kienet l-ewwel waħda li twasslet id-dar tagħha f'Tas-Sliema, u li fit-triq lura lejn id-dar hija kienet raqdet minħabba li kienet għajjiena. Madanakollu hi ftakret li x'ħin qorbu viċin id-dar tagħha, hi qamet minħabba li l-konvenut kien qed isuq *wrong-way* biex iqassar,

> *"I do remember that when we arrived at the Qui Si Sana roundabout I woke up due to the way Keith was driving and I do remember seeing Keith, not following the right flow of path of traffic in the sense that he was driving in the wrong direction purposely so as to save time in taking a short-cut. I got dropped at the top of the street, and as a consequence Abraham could move to the right, that is right behind the driver's seat. I do recollect hearing Francesca Muscat telling Abraham to put on the seat belt. The next thing I know was that I received a phone call from Abraham's brother telling me that Keith was involved in a collision and that Abraham died."*

Passiġġiera oħra, **Francesca Muscat,** li wkoll twasslet id-dar mill-konvenut, ippreżentat l-*affidavit*[5] tagħha bil-verżjoni tal-fatti kif ġraw, u kkonfermat dak li kienu qalu sħabha, li bħala ħbieb huma kienu ltaqgħu f'Paceville, u li wara lkoll telgħu fil-karozza misjuqa minn Keith Caruana. Dwar is-sewqan ta' Keith Caruana, ix-xhud qalet hekk:

> "Niftakar ukoll illi waqt li konna sejrin inwasslu lil Shakira, Keith beda jsuq b'veloċità eċċessiva. Wara illi niżlet Shakira, Keith saq lejn ix-Xatt tal-Gżira u Abraham innota illi jiena kelli s-*seat belt* milbus u staqsieni 'Mela ilbist is-*seat belt*?'. Jiena kont pronta weġibtu 'mhux aħjar nilbsu s-*seat belt*?' u Abraham niftakar illi għamel bħali u libes is-*seat belt*."

[4] *A fol.* 88 tal-proċess.
[5] *A fol.* 89 tal-proċess.

**Gabriella Bartolo,** il-passiġġiera li kienet riekba fis-seat ta' maġenb ix-xufier, fuq quddiem tal-vettura, ukoll ippreżentat l-*affidavit* tagħha[6] u din ukoll ikkonfermat li l-konvenut beda jsuq b'veloċità eċċessiva.

> "Niftakar ukoll illi Keith beda jsuq eċċessiv, mhux mill-ewwel, imma x'ħin konna viċin tas-Sliema. Wara illi wassalna lil Shakira, Keith kien saq għal Ta' Xbiex peress illi ried iwassal lil Francesca Muscat. Niftakar lil Francesca tgħid lil Abraham illi jkun aħjar għalih illi jilbes is-*'seat belt'*. Wara illi niżżilna lil Francesca, minn hemm niżel minn Ta' Xbiex sabiex ngħaddu minn mal-*'front'* tal-Imsida. Niftakar illi kont qiegħda nibża' u naf li Keithipprova jisslowja imma skiddja u bdejt inwerżaq u niftakar li qomt wara l-ħabta. L-ewwel ħaġa li għamilt kien li għajjattilhom 'Keith, Abraham' .. ħadd ma rrispondieni."

Qarib tal-familja, **Donald Axisa,** xehed fl-*affidavit* tiegħu[7] li kien hu li flimkien ma' ħu Abraham Celik, mar l-Isptar sabiex jiddentifika l-katavru tal-vittma, u li kien hu li ħa ħsieb l-arranġamenti għall-funeral. Xehed ukoll li hu kien mar fl-istabbiliment tal-Pizza Hut ġewwa South Street il-Belt sabiex jinfurmahom li Abraham Celik kien ġie nieqes, kif ukoll kien mar fil-*barracks* tal-Armata f'Ħal Luqa sabiex jinfurmahom b'li kien ġara, u dan minħabba li Abraham Celik kien għadda mill-eżamijiet biex jissieħeb mal-Forzi Armati ta' Malta.

**L-Ispettur Priscilla Caruana** mill-Għassa ta' Birkirkara, xehdet fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2016[8] li hekk kif kienet ġiet infurmata bl-inċident, kienet marret fuq il-post flimkien ma' uffiċjali oħra tal-Pulizija. Il-konvenut u Graziella Bartolo kienu laħqu ttieħdu l-Isptar minħabba l-feriti li kellhom, iżda fil-vettura kien għad hemm Abraham Celik, li kien diġà ġie ċċertifikat mejjet. Meta waslu l-Pulizija fuq il-post, dan kien għadu liebes is-*seat belt*. Ix-xhud ikkonfermat li l-inċident seħħ fi Triq il-Wied, l-Imsida, u li l-vettura kienet qiegħda tinstaq fid-direzzjoni lejn Birkirkara, però meta waslu l-Pulizija dawn sabu li l-vettura

[6] *A fol.* 90 tal-proċess.
[7] *A fol.* 91 tal-proċess.
[8] *A fol.* 99 sa 101 tal-proċess.

kienet daret wiċċha lejn l-Imsida, u dan minħabba l-impatt li kien hemm massiġra. Hi qalet ukoll li t-test tal-*breathalyser* fuq is-sewwieq ma sarx fuq il-post tal-inċident, minħabba li kemm hu kif ukoll il-passiġġiera l-oħra li kien hemm riekba miegħu, ittieħdu l-Isptar mill-ewwel. Ix-xhud ikkonfermat li l-livell ta' alkoħol fid-demm misjub fuq il-persuna tal-konvenut kien wieħed baxx ħafna.

Fl-istess udjenza xehed **is-Surġent Bertie Aquilina**[9], li kkonferma d-data u l-post tal-inċident. Hu xehed kif ftit wara li waslu l-uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post, waslu wkoll il-paramediċi li bdew jivverifikaw il-ġrieħi tal-persuni involuti, filwaqt li ġie stabbilit li kien hemm vittma, Abraham Celik, li ma beda jirrispondi għall-ebda domanda li saritlu la mill-Pulizija u lanqas mit-*team* mediku. Is-Surġent Aquilina kkonferma li ġie infurmat il-Maġistrat tal-Għassa li ħatar l-esperti tiegħu dak il-ħin stess, u li fuq il-post tal-inċident hu seta' jkellem lis-sewwieq tal-vettura, il-konvenut Keith Caruana, li minkejja l-uġigħ kien luċidu u koerenti.

Xehed ukoll **is-Surġent Ivan Caruana**[10], li qal li dakinhar hu kien beda xogħol fil-ħamsa ta' filgħodu, iżda kien ġie infurmat li kellu jmur fl-Isptar Mater Dei sabiex jagħmel test tal-*breathalyser* lil persuna li kienet involuta f'inċident tat-traffiku. Ix-xhud ikkonferma li t-*test* sar għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu, u li t-*test* seta' jiġi amministrat wara li ngħatat twissija lil Keith Caruana dwar it-*test* li kien ser isir fuqu. Ix-xhud ikkonferma li l-livell ta' alkoħol fid-demm tas-sewwieq instab li kien ta' 17, li hu livell baxx.

Fl-istess udjenza, ittellgħu jixhdu wkoll membri tal-Armata, fosthom il-**Kaptan Carmel Mercieca**[11], li xehed li Abraham Celik kien għadu mhux membru tal-Forzi Armati, u li hu kien ser jiġi ingaġġat wara li jsirlu t-*test* mediku wara li

[9] *A fol.* 103 a 105 tal-proċess.
[10] *A fol.* 106 tal-proċess.
[11] *A fol.* 107 u 108 tal-proċess.

kien għadda mill-eżami miktub li sarlu. Ix-xhud ikkonferma li bħala *order of merit*, il-vittma kien ġie fis-sitta u erbgħin (46) post u li fl-ingaġġ li kien sar fil-21 ta' Ottubru, 2013, kienu daħlu l-ewwel disgħa u tmenin (89) rekluta fl-Armata. Hu qal li mit-*test* mediku kien għadda kulħadd. Dwar is-salarju li Abraham Celik kien mistenni jipperċepixxi hekk kif jidħol jaħdem bħala membru fil-Forzi Armati, xehed il-**Kaptan Joseph Magri**[12], li kkonstata illi:

> "B'effett mill-1 ta' Jannar, 2008, suldat fil-Forzi Armati ġie jidħol fi skala 16, wara sentejn jieħu *progression* u jitla' fi skala 15 u wara sentejn jitla' fi skala 14 u jibqa' sejjer hekk sakemm jieħu promozzjoni."

Hu spjega li r-rekluti tal-Forzi Armati japplikaw għalihom l-iskali tal-Gvern u li sal-2015, Abraham Celik kien se jkollu *progression* waħda. Ix-xhud qal li sabiex issir *progression*:

> "għandek proċedura mal-*increment*, jekk l-*increment* qiegħed *in between*, mela jekk inti dħalt 21st October, 2013, l-*increment* tiegħek ħa jkun sa Ottubru 2014. Issa jekk dak inti ma tieħdux, tinżammlek milli tieħu *progression* għax hija marbuta mal-*increment*. Aħna għandek ħames affarijiet li jekk ma tagħmilhomx jista' jkollok l-*increment* jew *postponed* jew differit jew miżmum."

Spjega li dawn il-ħames affarijiet li fuqhom jiddependi uffiċjal fl-Armata jipprogressax jew le, huma "*guard duties, tmur ħażin fl-isparar, ma tagħmilx parati, ma tgħaddix mill-OPF3 u t-turnout tiegħek*." Ix-xhud kompla jispjega b'liema mod l-uffiċjali fl-Armata jipprogressaw minn skala ta' salarji għal oħra. Spjega wkoll iċ-ċifri kontenuti fid-dokument esebit minnu rigward is-salarji li xi ħadd fil-grad ta' Abraham Celik kien mistenni li jaqla' mill-Armata, u li l-*basic salary* huwa s-salarju mingħajr ebda *allowance* miegħu, għalkemm il-*gross* indikat jinkludi l-*allowance* li l-Armata tagħti lil kull suldat li jkun temm l-erba'

[12] *A fol.* 109 sa 112 tal-proċess.

xhur tal-ingaġġ tat-taħriġ tiegħu, u li l-*gross* jinkludi wkoll il-*bonuses* li jieħdu l-ħaddiema tal-Gvern kollha.

Xehed **Lawrence Bugeja**[13] mit-Taqsima tar-Rekords tal-Pazjenti tal-Isptar Mater Dei li esebixxa l-file mediku ta' Abraham Celik sabiex jikkonferma li kien medikament kien f'saħħtu, u għaldaqstant il-konklużjoni loġika hi li x'aktarx li Abraham Celik kien ser jgħaddi mit-*test* mediku li kien għad irid isirlu.

Is-soċjetà konvenuta Mapfre Middlesea plc ressqet ix-xhieda bl-*affidavit* taċ-Chief Officer tal-Claims Department, **Patrick Muscat**[14], li min-naħa tiegħu kkonferma li fid-9 ta' Ġunju, 2013 kien hemm inċident li fih kienet involuta vettura koperta b'polza tal-assigurazzjoni maħruġa mill-Mapfre Middlesea plc. Il-kumpannija kienet ġiet infurmata b'dan l-inċident fl- 10 ta' Ġunju, 2013 mill-gazzetti lokali. Kienet saret laqgħa ma' Keith Caruana fil-25 ta' Ġunju, 2013 fejn ġiet diskussa din il-*claim*. Hu kkonferma li s-soċjetà assiguratriċi kkonsultat il-*proces verbal* li tħejja b'rabta mal-proċeduri kriminali minn fejn irriżulta li:

> "is-sewwieq Keith Caruana u sħabu, fosthom il-vittma tal-inċident Abraham Celik, kienu ġejjin minn lejl ġewwa Paceville preċiżament wara li kienu Havana u Plush Clubs/Bar. Irriżulta wkoll li fil-mument ftit qabel l-inċident, Keith Caruana kien qed isuq b'veloċità ta' mitejn kilometru fis-siegħa. Fl-istqarrija li ta Keith Caruana wara l-inċident, irriżulta li f'dak il-lejl stess kien xorob *pitcher* Vodka bl-Isprite, *shot* Sambuca u qasam *tray* Vodka Red Bull."

Ix-xhud irrefera wkoll għall-*affidavits* tal-passiġġiera li kienu rekbin mal-konvenut, li lkoll qalu li Keith Caruana beda jsuq b'mod eċċessiv. Kien fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, li s-soċjetà Mapfre Middlesea plc kienet ikkonkludiet li l-polza tal-assigurazzjoni ma kinitx valida biex tkopri dan l-inċident, għalkemm dan l-argument irid jiġi kkunsidrat fi proċeduri separati li m'għandhom

[13] *A fol.* 116 tal-proċess.
[14] *A fol.* 133 u 134 tal-proċess.

x'jaqsmu xejn mal-mertu tal-proċeduri odjerni u ma' dak li għad trid tistabbilixxi din il-Qorti.

Fl-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2016 bdew il-kontroeżamijiet tal-persuni li kienu riekba fl-istess vettura mal-vittma u mal-konvenut Keith Caruana. **Shakira Scerri**[15] kkonfermat li dakinhar tal-inċident, il-konvenut kien mexa lejn il-karozza waħdu wara l-lejla f'Paceville, u wara għadda għal sħabu li stennewh fuq *bus stop*. Hi ddeskriviet is-sewqan ta' Keith Caruana bħala '*pretty fast'.* Skont ix-xhud il-konvenut Keith Caruana ma kienx jidher li kien fis-sakra dakinhar, "*I know what Keith looks like when he's drunk, but he wasn't.*"

**Francesca Muscat**[16] ikkonfermat fil-kontroeżami li sarilha, li Keith Caruana beda jsuq "b'veloċità qawwija", tant li hi beżgħet fit-triq.

**Gabriella Bartolo**[17], il-passiġġiera li kienet riekba fuq quddiem tal-vettura ta' Keith Caruana, ukoll ikkonfermat li fit-triq lura lejn id-dar, Keith "beda jispeedja". Hi kkonfermat li kienet beżgħet anki qabel seħħ l-inċident.

L-atturi ppreżentaw prospett ta' danni[18], fejn ikkonfermaw li mhumiex jippretendu danni tan-natura ta' *damnum emergens*, iżda taw rendikont ta' kif jippretendu li għandu jinħadem il-*lucrum cessans,* li l-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra f'parti oħra ta' din is-sentenza.

Il-Qorti semgħet lix-xhud **Dr. Anthony Dimech**[19], konsulent psikjatra speċjalizzat fl-addizzjonijiet, li xehed fl-udjenza tal-11 ta' April, 2017, u li b'riferiment għat-test tal-*breathalyser* li sar fuq Keith Caruana, qal hekk:

---

[15] *A fol.* 140 sa 143 tal-proċess.
[16] *A fol.* 145 sa 150 tal-proċess.
[17] *A fol.* 151 sa 154 tal-proċess.
[18] *A fol.* 156 tal-proċess.
[19] *A fol.* 167 sa 173 tal-proċess.

> "Dan qed jaqra *seventeen micrograms per hundred millimeters* which is below the *thirty five, thirty six micrograms per hundred millimetres* li above that wieħed jista' jikkunsidra li persuna għandha livell ta' alkoħol ġo fiha li jista' jaffettwa l-imġiba anki kif persuna taġixxi. ... Legalment b'dan il-livell wieħed jista' jaqdi d-doveri tiegħu normali mingħajr ma jkun hemm xi impediment minħabba l-ammont ta' alkoħol li jista' jaffettwa l-attenzjoni konjittiva meta jkun ogħla aktar mid-doppju ta' dan l-ammont."

Rigward id-differenza bejn il-ħin meta jkun ikkunsmat l-alkoħol, u l-ħin li fih isir it-*test*, ix-xhud wieġeb hekk, "Dak l-alkoħol (level) juri li dak il-ħin il-persuna kienet f'sikkitha u kapaċi ssuq mingħajr problemi." Hu interpreta dan ir-riżultat bħala li jindika:

> "li qiegħed relattivament baxx, iġifieri wisq probabbli ma kienx għoli biżżejjed għax li kieku kien għoli *above the limit*, ir-rata kienet ħa tkun rata ta' eliminazzjoni baxxa li ġeneralment ma jilħaqx jinżel daqshekk."

Il-konvenut tella' tixhed lil **Svetlana Caruana**[20] mill-Uffiċċju Meteoroloġiku, li kkonfermat li dak il-lejl tal-inċident kien hemm ħafna ċpar u li l-art kienet imxarrba bin-nida.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li qal il-konvenut **Keith Caruana** fl-affidavit tiegħu[21], li kkonferma li kien ilu li ġab il-liċenzja minn meta kellu dsatax-il sena u li l-karozza li kien qiegħed isuq dakinhar tal-inċident kienet ilha għandu mis-sena 2011. Il-karozza tal-għamla Volkswagen kienet mixtrija ġdida u qatt ma ġiet immodifikata b'xi mod. Ikkonferma li dak il-lejl tal-inċident, hu kien mar fl-istabbiliment 'Plush' ma' sħabu, u hemmhekk ħadu pitcher (buqar) Vodka Sprite bis-silġ. Wara marru Havana, minn fejn ħa Sambuca:

> "F'xi ħin jien u Abraham iċċaqlaqna u wara morna fil-bar ta' fuq u qsamna tray Vodka Redbull. It-tray hu magħmul minn tnax-il tazza tal-grokk. Kull tazza

[20] *A fol.* 177 sa 179 tal-proċess.
[21] *A fol.* 185 tal-proċess.

jkollha taħlita ta' ftit Vodka u RedBull (aktar RedBull milli Vodka). Ma jkunx hemm grokk vodka f'kull tazza u t-tazez ikunu żgħar ħafna – speċi ta' *shots* inqas minn tazza żgħira tal-espresso. Ma xrobt xejn aktar u kont qed inħossni sobriju ħafna – dan anke għax kont naf li kont se nsuq."

Qal li wara l-lejl f'Paceville hu wassal lil sħabu d-dar. Kienet l-ewwel darba li Abraham Celik, il-vittma, tela' miegħu fil-karozza, iżda t-tfajliet spiss kienu jirkbu miegħu fil-karozza u kienu jafu li s-sewqan tiegħu kien tajjeb. Fl-*affidavit* tiegħu seta' jiftakar liema kienu t-toroq li għadda minnhom biex wassal lil sħabu fi djarhom, iżda ma ftakar xejn aktar wara li għadda minn ħdejn ir-restaurant Mamma Mia, ħlief id-daqqa, u episodji minn dak li ġara wara l-inċident.

Hu għamel riferiment għar-rapport ta' Dr Mario Buttigieg, u qal li l-vettura tiegħu ma kinitx tilħaq il-mitejn (200) kilometru fis-siegħa. L-aktar li kienet titla' kien mija u ħamsa u sittin (165) kilometru fis-siegħa. It-triq kienet bil-kisriet, u fil-vettura kien hemm tliet adulti u t-twieqi miftuħin. Hu ċaħad li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva:

"Għandi ngħid ukoll li l-unika manuvra ħażina li għamilt kienet mar-*roundabout* ta' qabel il-mina ta' The Point. Dortha bil-kontra u dan biex mingħalija naqta' fil-qasir. Din il-manuvra għamiltha meta rajt li żgur ma kien ġej xejn min-naħa l-oħra jew minn warajja. Ngħid li biex għamilt din il-manuvra ma kontx qed insuq ħafna għax fil-verità biex għamilt il-manuvra u ndur mar-*roundabout* mil-lemin kelli nieħu liwja aktar akuta milli kieku dort magħha kif suppost. Kont ċert li ma kienx hemm periklu meta għamilt dan."

Fil-kontroeżami li sar lil **Keith Caruana,** fl-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2018[22], hu kkonferma li kien xorob xi żewġ tazzi vodka bil-luminata, *shot* Sambuca u sitt *shots* oħra Vodka Redbull. Hu qal li ma jiftakarx li xi ħadd minn sħabu qallu biex inaqqas il-veloċità, u li ma kienx qed isuq b'veloċità esaġerata. Il-

[22] *A fol.* 199A sa 199H tal-proċess.

konvenut ma setax jiftakar in-natura tal-impatt kif kienet, jekk kinitx waħda kbira jew żgħira.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Minn dak li semgħet il-Qorti, jirriżulta b'mod ċar li anki jekk il-konvenut Keith Caruana ma kienx xurban dakinhar tal-inċident, jew almenu ma kienx xorob tant li l-imġiba tiegħu fis-sewqan setgħet kienet affettwata mill-alkoħol li kkonsma, u dan kif jirriżulta tajjeb anki mit-test tal-*breathalyser* li sarlu, madanakollu ċertament li kien hemm imġiba traskurata min-naħa tiegħu u teħid ta' ċerti riskji, li sewwieq raġonevoli, prudenti u ta' esperjenza jaf li m'għandux jieħu. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax dak li qalu x-xhieda kollha li kienu riekba fil-vettura mal-konvenut Keith Caruana u mal-vittma tal-inċident, li s-sewwieq kien qiegħed isuq b'mod eċċessiv, u li ħa riskji li ma kellux jieħu, bħal meta dar *wrong-way* fil-viċinanzi ta' Tigné Point sabiex iqassar ir-rotta u dan fil-fatt ġie saħansitra ammess mill-konvenut innifsu. Fi kwalunkwe każ il-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq jistipula li l-limitu ta' veloċità f'inħawi mibnija huwa ta' 50 km/h[23] u li sewwieq billejl għandu jnaqqas il-veloċità għax huwa aktar diffiċli li jara oħrajn li qed jużaw it-triq.[24] Mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-konvenut kiser bil-bosta l-limitu tal-veloċità prefiss mil-liġi.

Tqis illi l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-aġir traskurat u imprudenti tiegħu u għan-nuqqas ta' responsabbilità li wera fil-konfront ta' sħabu rekbin miegħu, bir-riżultat li wieħed minnhom saħansitra tilef ħajtu fit-triq. M'hemmx dubju wkoll li l-fatt li l-aħħar konoxxenza tal-mumenti ta' qabel

[23] Klawsola 272.
[24] Klawsola 274.

l-inċident li għandu l-konvenut hija li kien għaddej minn viċin l-istabbiliment Mamma Mia, u li sal-post tal-inċident fil-Wied tal-Imsida, ma jafx x'ġara, u dan kif jirriżulta minn dak li xehed hu stess, hu indikatur b'saħħtu li s-sewwieq ma setax żamm il-*proper lookout* rikjest minn kull sewwieq sabiex proprju jevita inċidenti bħal dak mertu ta' din il-kawża.

Kif intqal diversi drabi mill-Qrati tagħna, u kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Alfred Mifsud**[25], il-Qorti qalet hekk:

> "Sewqan traskurat *(negligent driving)* hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi il-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li ma għandux jieħu minħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż *(dangerous driving)* jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-periklu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-ħin, u l-lokalità tal-inċident u l-preżenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Mario Gellel**, ingħatat spjega aħjar ta' x'inhu dak li jikkostitwixxi sewqan negliġenti jew traskurat:

> "... jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' *'degree',* (Appell Kriminali **Pulizija *vs.* Charles Bartolo**, 14.03.1959, **Pulizija *vs.***

[25] Vol. LXXXI.iv.157, 06.05.1974.

**Wilson**, Vol. XXXIX iv. 1018) u **Pulizija *vs.* Alfred Vella** (Vol. XLIV, p. 933), u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjetà tagħhom (Appell Kriminali **Pulizija *vs.* Hardingham**, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' *'recklessness'* (Appell Kriminali **Pulizija *vs.* Charles Farrugia**, Vol. XXXIX iv. 978*). 'Recklessness'* ġie definit bħala *'wilfully shutting one's eye'* (Appell Kriminali, **Pulizija vs. Joseph Aquilina**, 20 ta' April, 1963).

Invece, sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja, li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistra stradali (Appell Kriminali **Pulizija *vs.* Antonio Spiter**i Vol. XLIV iv. 892)".[26]

Għall-Qorti huwa ċar li kemm l-element ta' '*recklessness*' fis-sewqan, inkwantu s-sewwieq jidher li konxjament għalaq għajnejh għar-regoli tas-sewqan, almenu f'ċirkostanza waħda tul dan il-vjaġġ, meta dar *wrong-way,* kif ukoll element ta' traskuraġni, meta naqas milli juża l-grad ta' prudenza ordinarja mistennija minnu, li jsuq b'veloċità li mhix eċċessiva u li fil-ħin kollu tal-vjaġġ ikun ben konxju minn dak kollu li jkun għaddej madwaru, u mhux kif xehed il-konvenut, li m'għandux konoxxenza ta' x'ġara f'parti mill-vjaġġ. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[27]**,** il-Qorti għamlet riferiment għal diversi insenjamenti ġurisprudenzjali, sabiex stabbiliet li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li għandu jwieġeb għalih is-sewwieq:

"Illi, fir-rigward ta' *'proper lookout'*, dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu *'an awareness of his immediate vicinity'* u ċioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Spiteri *vs.* R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea *vs.* Oreste Sammut** App 5/10/98; **Dr Remigio Zammit Pace *vs.* C. Grima** App. Inf. 16/05/97; **A. *Gatt vs.* M. Shephard**, App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapport oħra

[26] 19.02.2004.
[27] 01.03.2001.

> kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pI p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ l-inċident stradali."

Illi għall-Qorti huwa ċar li fiċ-ċirkostanzi li kien qiegħed isuq fihom il-konvenut Keith Caruana, fejn kellu riekbin miegħu fil-vettura numru ta' persuni, kif ukoll jirriżulta li dakinhar tal-inċident it-triq kienet imxarrba bin-nida u għal waqtiet twal matul il-lejl kien hemm viżibilità mnaqqsa f'diversi partijiet tal-pajjiż, is-sewwieq ħtieġlu joqgħod ferm aktar attent mis-soltu, xi ħaġa li evidentement ma għamilx, għax anki skont dak li xehdu sħabu, li lkoll qalu li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva tant li wħud minnhom qalu li beżgħu, kif ukoll fuq ammissjoni tiegħu stess li f'partijiet mill-vjaġġ, lanqas biss kien jaf x'inhu jiġri, tant li m'għandu l-ebda konoxxenza ta' dak li ġara bejn il-Mamma Mia f'Ta' Xbiex u l-ħin li fih seħħ l-inċident fil-Wied tal-Imsida.

Minn dak li ħareġ mill-provi jirriżulta li s-sewwieq Keith Caruana għandu jinżamm responsabbli għall-inċident li seħħ. Hekk stabbilit, il-Qorti ser tgħaddi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-atturi, il-familjari tal-vittma. F'dan il-każ partikolari, l-atturi mhumiex jitolbu danni tan-natura ta' *damnum emergens,* iżda qegħdin jitolbu l-*lucrum cessans* ibbażati fuq l-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula kif għandhom jitqiesu danni ta' din ix-xorta:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, **u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib.**"[28]

[28] Enfażi ta' din il-Qorti.

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antoine Cachia**[29], il-Qorti qalet hekk:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[30], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Hawnhekk il-Qorti tqis li għandha tagħmel riferiment ampju għas-sentenzi kopjużi ta' dawn il-Qrati sabiex kemm jista' jkun tasal għal ammont likwidat li jkun jirrispekkja l-kriterji li ġew stabbiliti f'sentenzi simili li ngħataw diġà, anki għaliex huwa desiderabbli li jkun hemm grad ta' uniformità f'dawn it-tip ta' sentenzi.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kien mistenni jipperċepixxi Abraham Celik mill-Armata l-paga bażika għas-sena 2015, u ċjoè l-ammont nett ta'

---

[29] P.A., 18.02.2013.
[30] P.A., 27.02.2005.

€11,375.15.[31] Din il-paga trid tiġi aġġustata biex tieħu inkonsiderazzjoni l-effetti tal-inflazzjoni għall-perijodu kollu tal-*multiplier* li ser tistabbilixxi din il-Qorti,[32] u dan abbażi tar-rata tal-inflazzjoni, li bħala medja f'dawn l-aħħar ħames snin kienet ta' 0.96% fis-sena.[33] Dan ifisser li fuq medda ta' erbgħin (40) sena[34], il-paga ta' Abraham Celik kienet ser tiżdied għal €16,792.55. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja fuq l-imsemmi perijodu, €11,376.15 + €16,792.55/ 2, is-salarju medju ta' Abraham Celik kien mistenni li jkun fl-ammont ta' €14,084.35.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali. Hawnhekk għandna persuna li tilfet ħajjitha proprju fil-bidu tal-ħajja lavorattiva tagħha, hekk kif kien biss ftit ġranet wara l-mewt traġika ta' Abraham Celik li l-familjari tiegħu ġew infurmati li hu kien għadda mill-eżamijiet ta' reklutaġġ fil-Forzi Armati ta' Malta. F'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**, il-Qorti qalet hekk:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs.* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'*chances and changes of life*', b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm

[31] Xhieda Kaptan Joseph Magri *a fol.* 109 sa 112 tal-proċess.
[32] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbilit illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*
[33] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.
[34] Il-*multiplier* li ġie ffissat mill-Qorti.

> tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs.* Heard,** b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."[35]

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 40 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-persuna li tilfet ħajjitha fl-età ta' tmintax-il sena, f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età ta' Abraham Celik hu mistenni jaħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex jilħaq l-età tal-irtirar.

F'każijiet ta' mwiet, il-Qorti tqis li l-grad ta' diżabilità soffert ikun ta' 100%. F'dan il-każ, il-Qorti tħoss li għandha tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Turner et *vs.* Agius et**[36], mhux l-inqas minħabba li l-fatti tal-każ huma prattikament identiċi għal dawk tal-każ in eżami, u minħabba fid-diversi kunsiderazzjonijiet li qajmet il-Qorti tal-Appell f'dik il-kawża, li din il-Qorti tħoss li huma validissimi għaċ-ċirkostanzi odjerni, tant li tqis li għandha tiċċita estensivament minn din is-sentenza u tapplika l-prinċipji enunċjati fiha għaċ-ċirkostanzi odjerni. F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Għall-finijiet tal-prinċipju tad-*dependency* hemm differenza fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja, li minnu din tkun qiegħda tiddependi direttament, għal xi sitwazzjoni oħra fejn invece għaż-żamma u għixien tagħha si tratta ta' membru ieħor ta' familja li qiegħda tgħix fi ħdanha u li fin-normalità tal-ħajja l-probabbilità tkun li din tieħu l-istat tagħha jew tmur tgħix għal rasha.
> L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb magħruf tagħhom, *'The Quantum of Damages'*, jgħidu: *Each case of course must depend on its particular facts but there is one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is*

[35] P.A., 10.05.2005.
[36] Q.A., 28.11.2003.

*the possibility or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller.*

Il-Qrati tagħna f'diversi sentenzi dejjem aċċettaw il-prinċipju illi f'każ ta' mewt ta' ġuvni jew xebba u partikolarment meta fil-mument tad-diżgrazzja l-atturi ma kinux jiddependu minn binhom għandu jkun hemm tnaqqis sostanzjali meta jiġu kkalkolati d-danni – Dan it-tnaqqis, għalkemm ma hemmx regoli fissi jew kriterji assoluti jiġi ġeneralment ikkalkolat fl-ammont ta' bejn 66% u 50%.

L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda l-konsum personali. Ir-realtà tal-ħajja hija li wieħed jonfoq il-maġġior parti tad-dħul tiegħu. Ta' min joħroġ id-distinzjoni bejn il-mewt (ekwiparata għal diżabilità totali) u d-diżabilità ta' 100% (eż – min jiġi ridott għal ħajja f'wheelchair b'telf assolut tal-fakoltà mentali). Fil-liġi, il-kwantifikazzjoni tad-danni m'għandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid tħares lejn dak li jitlef min jiġi 'l quddiem u javvanza pretensjoni.

Kif intqal mill-Imħallef Wrangham fil-kawża **Piggott *vs.* Fancy Wood Products** (31/01/1958), *The question which I have to determine, is what financial loss the father and mother of this young man have suffered by reason of his death. If I were allowed to award damages to them that could in any way compensate them for what they have suffered, the damages would be very large indeed. Nothing that I am about to say is intended for a moment to suggest that their loss is not one beyond assessment, but I am not concerned with their real loss at all – I am only concerned with the question: How much in mere hard cash, or rather in the prospect of hard cash in the future, can they be said to have lost?"*

Hawnhekk il-Qorti tikkunsidra li apparti li trid tagħmel riduzzjoni fl-ammont li ser jiġi likwidat favur l-atturi abbażi tal-fatt li l-ħlas ser isir bħala somma li ser titħallas f'darba (tnaqqis fl-ammont ta' 20%)[37], għandu jkun hemm tnaqqis tenut kont tal-fatt li d-defunt Abraham Celik ma kienx kap ta' familja, iżda kien iben u ħu l-atturi, u għalhekk il-grad ta' dipendenza ta' dawn fuqu kien ser isofri xi tnaqqis f'xi data futura in vista tal-probabbilità kbira li dan il-ġuvni

[37] Fis-sentenza fl-ismijiet **Scicluna *vs.* Meilaq**, P.A., 16.07.2001, il-Qorti stabbiliet illi, "L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minħabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti għal 20% meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-sentenza finali." Fil-kawża **Caruana *vs.* Camilleri**, P.A., 05.10.1993, il-Qorti ħasset li dan għandu jonqos 2% għal kull sena ta' dewmien, għalkemm m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis bħal dan jekk id-danneġġjant ma jkollu l-ebda ħtija fid-dewmien ta' kawża. Il-Qorti qieset li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda dewmien li jista' jiġi attribwit lil xi parti jew oħra, u għaldaqstant l-20% mhux ser jiġu ridotti.

jiżżewweġ u jieħu l-istat tiegħu. Madanakollu din il-Qorti ma tqisx li għandu jkun hemm riduzzjoni ta' aktar minn 50% għal dan, anki fid-dawl tal-fatt li omm id-defunt, Rose Celik, għaddiet minn diversi problemi ta' saħħa u saħansitra kellha tieqaf taħdem minħabba t-trawma tal-mewt ta' binha. Huwa normali wkoll, f'każijiet simili, li jkun hemm tnaqqis ieħor ta' 25% rappreżentanti l-konsum li persuna kienet tkun mistennija li tagħmel tul ħajjitha minn dak kollu li taqla'.

Is-salarju medju ta' €14,084.30 x *multiplier* ta' 40, x 100% diżabilità sofferta, iwasslu għal ċifra ta' €563,337.20, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €450,669.76, u dan l-ammont meta jiġi ridott b'50% (grad ta' dipendenza tal-eredi), jammonta għal €225,3334.88 u dan l-ammont ridott b'25% (konsum personali) iwassal għas-somma ta' **€169,001.16**.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**
2. **Tilqa' t-talbiet attriċi, u tiddikjara li l-inċident stradali li seħħ fid-9 ta' Ġunju, 2013 fi Triq Wied tal-Imsida, Birkirkara, li fih safa vittma Abraham Celik, iben u ħu l-atturi rispettivament, li kien passiġġier fil-vettura tal-għamla Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni KTH392 misjuqa mill-konvenut Keith Caruana, seħħ unikament tort tal-istess konvenut Keith Caruana;**

**3. Tillikwida d-danni attriċi fis-somma ta' mija u disgħa u sittin elf u wieħed Euro, u sittax-il ċenteżmu (€169,001.16);**

**4. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma hekk likdwidata lill-atturi fi żmien tliet xhur mil-lum, bl-imgħax legali mis-17 ta' Marzu, 2015.**

**Bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontra l-konvenuti.**

Moqrija.